



# €80 miljun f'toroq ġodda

minn **Josianne Camilleri**

Il-proġetti ta' titjib u bini mill-ġdid ta' toroq fosthom arterji ewlenin tat-traffiku f'pajjiżna din is-sena se jfissru investiment b'valur li se jlaħħaq sa massimu ta' €80 miljun.

Il-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Komunikazzjoni Austin Gatt qal meta lbieraħ kien qed isegwi x-xogħlijiet li għadhom kemm bdew fi Triq Valletta, fiż-Żurrieq, li l-proġetti li se jsiru din is-sena fit-toroq immexxija minn Transport Malta, huma mod effettiv kif titjieb l-infrastruttura tal-pajjiż skont livelli Ewropej b'għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropea.

Tliet proġetti kbar oħra tat-toroq mistennija jitlestew din is-sena. Dawn huma Triq Garibaldi li twassal għall-ajruport, it-triq li miċ-Ċirkewwa twassal sat-Torri l-Aħmar u t-triq ta' quddiem is-*Sea Terminal* fil-Belt.

Ix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa fil-bini mill-ġdid ta' Triq Valletta fiż-Żurrieq, għandha titlesta sa Awwissu li ġej skont il-pjan. It-triq twila 1.9 kilometri qed issir b'investiment ta' €4.5 miljun, li €4 miljun minnhom ġejjin minn fondi tal-Unjoni Ewropea u l-bqija qed jinħargu mill-Gvern Malti.

Il-bini mill-ġdid tat-triq jinkludi l-installazzjoni ta' servizzi ġodda, *culverts* għall-ilma tax-xita, dwal u sinjali tat-traffiku.

Id-Deputat Nazzjonalista Franco Debono, li wkoll kien preżenti waqt din iż-żjara, tkellem ma' *IN-NAZZJON* dwar il-fatt li r-residenti japprezzaw li x-xogħol qed isir skont il-pjan biex titjieb din l-arterja prinċipali.



Ix-xogħlijiet li għadhom kemm bdew fi Triq Valletta fiż-Żurrieq b'tul ta' 1.9 kilometri hekk kif diġà sar titjib fit-toroq ta' madwar minn fejn qiegħed ikun devjat it-traffiku sakemm tibqa' magħluqa Triq Valletta biex tinbena mill-ġdid (Ritratt: Michael Ellul)

PING
Agħżel in-numru tiegħek u rriservah waqt ir-RoadShow tal-PING
Nhar il-Ħadd, 7 ta' Frar
bejn l-10a.m. u s-1p.m.
fl-Uffiċċju PN Naxxar.
Ma tistax tattendi? Żur www.ping.com.mt u rriserva n-numru tiegħek

media•link COMMUNICATIONS
NET RADIO101 www.radio101.com.mt il-mument IN-NAZZJON pin informa maltarightnow.com www.maltarightnow.com